



Brussell, 18 ta' Frar 2020
(OR. en)

6132/20

ECOFIN 89
UEM 27
SOC 57
EMPL 44
COMPET 48
ENV 90
EDUC 37
RECH 38
ENER 32
JAI 125

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	18 ta' Frar 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 5819/20	
Suġġett:	Semestru Ewropew 2020: L-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2020
	– Konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN fit-18 ta' Frar 2020

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2020, adottat mill-Kunsill fit-3749 laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Frar 2020.

SEMESTRU EWROPEW 2020:
L-ISTRATEĠIJA ANNWALI GĦAT-TKABBIR SOSTENIBBLI 2020

– Konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN –

Il-Kunsill (ECOFIN):

RIORJENTAZZJONI TAS-SEMESTRU EWROPEW 2020

1. FILWAQT LI JILQA' l-Istrateġija Annwali l-ġdida tal-Kummissjoni għat-Tkabbir Sostenibbli (ASGS), li tistabbilixxi prijoritajiet ta' politika ffokati fuq is-sostenibbiltà kompetittiva, u li timmarka l-punt tat-tluq tas-Semestru Ewropew 2020.
2. JIKKONDIVIDI B'MOD ĠENERALI l-analiżi tal-Kummissjoni tal-prijoritajiet li fuqhom għandhom jikkonċentraw l-isforzi tal-politika fil-livell nazzjonali u dak tal-UE: is-sostenibbiltà ambjentali, il-gwadanji fil-produttività, is-sens ta' ġustizzja u l-istabbiltà makroekonomika. JISĦAQ fuq il-bżonn li jiġi promoss investiment ta' kwalità għolja, jiġu implimentati riformi strutturali ambizzjużi, u jiġu żgurati finanzji pubbliċi sodi madwar l-Istati Membri kollha.
3. JIEĦU NOTA tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li l-"Patt Ekoloġiku Ewropew" jenħtiegħ ikun l-istrateġija l-ġdida tal-Ewropa għat-tkabbir u ser jivvaluta bir-reqqa d-diversi proposti stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni meta jiġu ppreżentati. JIKKONDIVIDI l-fehma tagħha li din l-aġenda ekonomika ġdida għandha tittrasforma l-Unjoni f'ekonomija sostenibbli u newtrali għall-klima.
4. JISSOTTOLINJA li s-Semestru Ewropew għandu jżomm il-fokus tiegħu bħala l-ġhodda ewlenija ta' governanza ekonomika tal-Ewropa biex jiġu promossi l-istabbiltà makroekonomika u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv, filwaqt li tiġi appoġġata t-transizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima.
5. JIEĦU NOTA tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tintegra l-oġettivi tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU fis-Semestru Ewropew. JISĦAQ, madankollu, li dan għandu jinkiseb b'mod li ma jgħabbix iżżejjed is-Semestru Ewropew. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tressaq proposti ċari dwar kif dan jista' jinkiseb.

IL-PERSPETTIVA EKONOMIKA TAL-EWROPA

6. FILWAQT LI JIKKONDIVIDI l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-ekonomija mistennija tkompli tespandi fl-2020 u fl-2021. Il-prospetti ta' tkabbir iddgħajfu u għad hemm riskji negattivi, iżda saru kemxejn inqas evidenti. Is-swieq tax-xogħol għadhom b'saħħithom fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-qgħad qed ikompli jonqos, minkejja li b'ritmu aktar baxx, u t-tkabbir fl-impjiegi huwa previst li jbatti aktar biż-żieda fil-pagi reali tiżdied biss bil-mod. Il-prospetti ta' tkabbir globali huma fraġli u l-inċertezza qed ikollha impatt negattiv fuq id-deċiżjonijiet dwar l-investment. Hemm riskju ta' perijodu twil ta' tkabbir baxx u inflazzjoni baxxa xprunata minn tkabbir baxx fil-produttività u tixjiħ tal-popolazzjonijiet.

L-ISTABBILTÀ MAKROEKONOMIKA

7. FILWAQT LI JQIS li l-ħidma favur politiki b'mod li jirrispetta bis-sħiħ il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u jappoġġa l-investment pubbliku u privat u jtejjeb il-kwalità u l-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi huwa importanti u li finanzzi pubbliċi sodi u sostenibbli jibqgħu prekondizzjonijiet biex tiġi żgurata r-reżiljenza kontra xokkijiet futuri u tiġi ffaċilitata t-trasformazzjoni ekonomika lejn in-newtralità klimatika. JIRRIKONOXXI li l-Istati Membri għandhom isegwu politiki li jsostnu investment li jiffaċilita t-trasformazzjoni ekonomika lejn in-newtralità klimatika, filwaqt li jippreservaw is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi.
8. JISSOTTOLINJA li l-Istati Membri b'livelli għolja ta' dejn pubbliku għandhom isegwu politiki prudenti biex ipoġġu d-dejn pubbliku f'perkors sostenibbli ta' tnaqqis kredibbli. JAQBEL li l-Istati Membri b'pożizzjoni fiskali favorevoli għandhom jużawha biex ikomplu jagħtu spinta lill-investimenti ta' kwalità għolja, filwaqt li jippreservaw is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi.
9. JAQBEL li jekk kellhom jimmaterjalizzaw riskji negattivi, jenħtieġ li r-risponsi fiskali jiġu differenzjati, bil-għan ikun pożizzjoni ta' aktar appoġġ, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett sħiħ tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Jenħtieġ li jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi għall-pajjiżi u l-proċikliċità tiġi evitata kemm jista' jkun. L-Istati membri jikkoordinaw il-politiki ekonomiċi tagħhom fil-Kunsill.

10. JISSOTTOLINJA li t-titjib tal-kwalità u l-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi huma essenzjali biex titjieb is-sostenibbiltà fiskali u jissaħħaħ il-potenzjal tat-tkabbir. Fuq in-naħa tad-dħul, it-taxxi jenħtiegħ li jappoġġaw it-transizzjoni lejn ekonomija ekoloġika, isiru aktar ġusti u jimxu lejn sorsi li jagħmlu anqas ħsara lit-tkabbir. Fuq in-naħa tal-infiq, għandhom isiru reviżjonijiet ta' nfiq biex jiġu promossi l-effiċjenza u l-effettività tal-infiq tal-gvern. JAQBEL li l-investimenti li jappoġġaw il-mixja lejn ekonomija newtrali għall-klima u diġitali huma essenzjali. JINNOTA li l-użu ta' għodod ta' bbaġitjar ekoloġiku jista' jgħin biex jiġi identifikat l-infiq li jappoġġa t-transizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima.
11. JIKKONDIVIDI l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li r-reżiljenza tas-settur finanzjarju fl-UE kompliet titjieb, iżda jenħtiegħ aktar tiżiħ billi jsir progress fl-approfondiment tal-Unjoni Bankarja u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

IS-SOSTENIBBILTÀ AMBJENTALI

12. FILWAQT LI JILQA' l-enfasi addizzjonali fuq is-sostenibbiltà ambjentali fl-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli (ASGS) u li l-UE għandha tkun fuq quddiem tat-transizzjoni lejn kontinent newtrali għall-klima u favur in-natura sal-2050.
13. JAQBEL li s-Semestru Ewropew jipprovdi qafas stabbilit sew għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u tal-impjegi meħtieġa biex jiggwidaw lill-Unjoni lejn ekonomija sostenibbli newtrali għall-klima u kompetittiva u l-Istati Membri tagħha f'dawn it-trasformazzjonijiet. Is-Semestru Ewropew jista' jipprovdi gwida speċifika lill-Istati Membri dwar fejn huma meħtieġa riformi strutturali u investiment ta' kwalità għolja biex l-Ewropa tersaq lejn mudell ekonomiku aktar sostenibbli u kompetittiv u jista' jgħin lill-Istati Membri jidentifikaw u jindirizzaw kompromessi ewlenin.
14. JISĦAQ li t-transizzjoni għan-newtralità klimatika teħtieġ trasformazzjoni profonda tal-ekonomija kollha kemm hi. Dawn il-bidliet ser jirrappreżentaw spejjeż ekonomiċi u oħrajn iżda joffru wkoll opportunità sinifikanti biex jiġi mmodernizzat l-istokk kapitali tal-ekonomija tal-UE, biex tiġi mnedija mill-ġdid il-kompetittività b'mod sostenibbli, biex isir investiment fin-nies u l-ħiliet tagħhom, u biex tiżdied il-konverġenza. Ser ikun meħtieġ investiment pubbliku u privat sinifikanti biex jgħin jintlaħaq l-għan tal-UE li nersqu lejn ekonomija newtrali għall-klima.

15. JIRRIKONOXXI l-pożizzjonijiet inizjali u l-ħtiġijiet differenti ta' ċerti setturi, reġjuni u Stati Membri għal din it-transizzjoni. JISĦAQ li din it-transizzjoni teħtieġ li tibqa' inklużiva u soċjalment responsabbli u tagħti liċ-ċittadini perspettivi ta' impjieġ attraenti u possibilitajiet ta' taħriġ mill-ġdid. JISSOTTOLINJA li t-tali transizzjoni tista' tintlaħaq biss bi sħubija sħiħa mal-Istati Membri kollha, l-awtoritajiet lokali kif ukoll reġjonali u s-soċjetà ċivili. JIEĦU NOTA, fid-dawl ta' dan, tal-proposta tal-Kummissjoni għal Mekkaniżmu ta' Transizzjoni Ġusta li l-Kunsill ser jeżamina.

IT-TKABBIR FIL-PRODUTTIVITÀ

16. FILWAQT LI JILQA' l-enfasi kontinwa fuq ir-riformi li jtejbju l-produttività f'dan l-ASGS. Fil-kuntest tat-tixjiħ tal-popolazzjoni u r-restrizzjonijiet dejjem aktar vinkolanti fuq ir-riżorsi, it-tkabbir futur fl-Ewropa ser jiddependi b'mod kruċjali fuq produttività, effiċjenza u innovazzjoni oġhla, iżda t-tkabbir fil-produttività għadu ferm taħt il-livell ta' atturi globali oħra.
17. Jeħtieġ li t-tkabbir u l-produttività jkunu appoġġati minn swieq kompetittivi u effiċjenti u minn riformi strutturali li jippermettu l-kooperazzjoni transfruntiera, it-tkabbir tan-negozju u jneħħu l-ostakli fl-ambjent tan-negozju. F'dan il-kuntest, JISĦAQ GĦAL DARB'OĦRA li t-tisħiħ tas-Suq Uniku tal-Unjoni joffri mezz importanti għat-tkabbir tal-produttività u jiġġenera bosta opportunitajiet biex jespandi l-kummerċ, johlq l-impjiegi u jagħti spinta lit-tkabbir. Madankollu, il-progress fis-Suq Uniku mhuwix uniformi u hemm bżonn ta' aktar ħidma fuq il-fluss liberu tas-servizzi, is-suq uniku diġitali, l-Unjoni Bankarja, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-Unjoni tal-Enerġija.
18. JIKKONDIVIDI l-valutazzjoni li r-riċerka u l-innovazzjoni u l-investment f'teknoloġiji diġitali u fl-iżvilupp tal-edukazzjoni u tal-ħiliet huma kruċjali għal ekonomija aktar produttiva u ekoloġika.

SENS TA' ĠUSTIZZJA

19. FILWAQT LI JISĦAQ fuq l-importanza ta' suq tax-xogħol b'saħħtu u effiċjenti b'kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti għal kulħadd. Il-promozzjoni ta' tali kundizzjonijiet tirrikjedi investment fil-ħiliet, sistemi ta' ħarsien soċjali adegwati u sostenibbli kif ukoll ġlieda kontra kull esklużjoni.

20. JIRRIKONOXXI li s-sistemi nazzjonali tat-taxxa u tal-benefiċċji għandhom jipprovdu inċentivi għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, biex jiġu garantiti s-sens ta' ġustizzja u t-trasparenza u biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja u l-adegwatezza tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali. Jenħtieġ li s-sistemi tat-taxxa jiżguraw ukoll dħul suffiċjenti għal investiment pubbliku, edukazzjoni, kura tas-saħħa u protezzjoni soċjali effiċjenti, sostenibbli u adegwati, jiggarrantixxu wkoll qsim ġust tal-piżijiet u jevitaw id-distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn id-ditti. Il-ġlieda li għadha għaddejja kontra l-prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa u l-promozzjoni tat-tassazzjoni ġusta ta' kumpanniji globalizzati huma essenzjali f'dan ir-rigward.
21. JISĦAQ li l-implimentazzjoni tar-riformi għadha mhux uniformi madwar l-UE u li l-prijoritajiet ekonomiċi u soċjali urġenti enfasizzati fl-ASGS issa jeħtieġu progress deċiżiv permezz tal-implimentazzjoni ta' riformi nazzjonali. Fid-dawl tal-fatturi kollha ta' hawn fuq, JAPPELLA lill-Istati Membri biex jieħdu vantaġġ mill-klima ekonomika li għadha relattivament favorevoli biex imexxu 'l quddiem ir-riformi strutturali.
-